

## Kapitlu 1

# Flixkun fil-Baħar



"Għaddili waħda l-martell, jekk jogħġbok," qal Tommy lil Marija.

Marija tatu l-martell u qagħdet tara lil ħuha l-kbir jaħdem. Kien qed jibni trepied biex iserraħ it-tromba fuqu. Kellhom kamra mibnija fuq siġra, u minn hemm fuq setgħu jiflu l-baħar kollu tal-Kalanka tal-Furbani.

U dak il-ħin ġie Willy, il-ġar tagħhom.

"Ġibt banketta miegħi, ħalli nkun nista' noqgħod komdu nara l-baħar mit-tromba."

"Bravu, Willy! Int f'kollox taħseb," qaltlu Marija.



"Ok! Lest!" għajjat Tommy.

Marija għaddiet it-tromba lil ħuha. Tommy qegħidha fuq it-trepied, poġġa fuq il-banketta u neħħa l-kappell tal-ġild minn fuq rasu. Kif għamel hekk, ħarġulu n-nokkli ħomor twal – Mhux ta' b'xejn jgħidulu "Tommy ir-Ruxxan". Iħobb wisq jittrombja l-orizzont u jara d-dgħajjes għaddejjin. Il-bnadar kien jafhom kollha bl-amment. Il-bandiera sewda b'żewġt ixwabel hija tax-Xwejjaħ Jack. U l-ħamra b'ras ta' mewt ta' Anita l-Ardita.

Marija kienet tippreferi titħarreġ bix-xabla tal-injam. Ma tibża' minn ħadd u minn xejn. Isibuha bħala "Marija l-Kuraġġuża".

“Ejjew araw din!” għajjat Tommy, f’daqqa waħda. “Hemm xi ħaġa tleqq qalb il-blat.”

Marija u Willy taw daqqa t’għajn mit-tromba, imma l-blat kien ’il bogħod wisq.

“Ejja ninżlu naraw x’inhi,” qaltilhom Marija.

It-tfal qabdu t-taraġ tal-ġebel li jwassal għall-bajja. Fittxew qalb il-blat biex isibu dil-ħaġa tleqq li raw. Marija sabitha.

“Flixkun!” għajtet.

“Qisu hemm parċmina ġo fih,” innota Willy.

“Tlaqna d-dar,” qalilhom Tommy. “Għandna bżonn trabuxù.”

